



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Mejju 2024
(OR. en)

9775/24

LIMITE

ENER 222
ENV 504
CLIMA 198

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Il-Patt Ekoloġiku Ewropew - Is-sitwazzjoni attwali u t-triq 'il quddiem = Skambju ta' fehmiet

Fid-dawl tal-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija tat-30 ta' Mejju 2024, id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness id-dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali u t-triq 'il quddiem tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

**Dokument ta' diskussjoni tal-Prezidenza
Patt Ekoloġiku Ewropew**

Is-sitwazzjoni attwali u t-triq 'il quddiem

Sa mit-tnedija tal-Patt Ekoloġiku Ewropew inqas minn ħames snin ilu, il-Kummissjoni u l-koleġislaturi tal-UE wettqu l-politika abilitanti u l-qafas regolatorju biex jintlaħqu l-miri għall-klima u l-enerġija għall-2030 u biex l-Ewropa tinżamm fit-triq it-tajba għan-newtralità klimatika u għal ekonomija sostenibbli sal-2050. Ftit wara li ħadet il-kariga, il-President von der Leyen ħabbret il-Patt Ekoloġiku Ewropew¹ bħala strateġija ta' tkabbir ġenerali li għandha l-għan li tittrasforma l-UE f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva. F'din l-istrateġija, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tindirizza l-isfidi tal-enerġija, klimatiċi u ambjentali u li tikseb in-newtralità klimatika sal-2050, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi.

F'dan il-kuntest, sal-2024 il-koleġislaturi kienu qablu dwar għadd kbir ta' inizjattivi leġiżlattivi relatati mal-enerġija - li l-biċċa l-kbira minnhom issa daħlu fis-seħħ - li għandhom jittrasformaw ix-xenarju tal-enerġija fl-Ewropa għas-snin li ġejjin. Barra minn hekk, il-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima (NECPs) tal-Istati Membri għandhom rwol strumentali fl-iżgurar tal-kisba tal-miri maqbula għall-UE kollha u tal-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku. Bl-introduzzjoni tal-ewwel qafas ta' ppjanar strateġiku pan-Ewropew li jħares 'il quddiem, l-NECPs jikkontribwixxu għall-istabbiltà u l-prevedibbiltà tal-politika, u b'hekk jipprovdu ċ-ċertezza meħtieġa għall-investituri li tinkoraġġixxi l-investimenti fit-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa.

¹ COM(2019) 640 final.

Hekk kif it-tranżizzjoni nadifa tidħol fil-fażi tal-implimentazzjoni, l-enfasi issa trid tkun fuq il-kisba rapida u uniformi tar-riżultati abbażi tal-qafas miftiehem fl-Istati Membri kollha tal-UE. Minkejja l-progress sinifikanti li sar matul l-ewwel ħames snin tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, ser ikunu meħtieġa sforzi addizzjonali biex nibqgħu fit-triq it-tajba għall-miri miżjuda tal-UE għall-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli għall-2030, inkluż implimentazzjoni rapida u sħiħa tal-qafas leġislativ aġġornat fl-Istati Membri, il-finalizzazzjoni tal-NECPs li huma proporzjonati mal-livell ta' ambizzjoni maqbul u l-ħolqien ta' qafas ta' faċilitazzjoni li jakkomoda u jippermetti l-ilħuq tal-miri msemmija hawn fuq, fost oħrajn permezz tal-introduzzjoni tal-infrastruttura tal-grilja.

B'mod parallel, hemm il-potenzjal li jissaħħaħ aktar il-qafas attwali tal-Patt Ekoloġiku Ewropew bl-għan li tiġi sostnuta aħjar il-kompetittività globali tal-UE. F'dan ir-rigward, ta' min ifakkar li fis-17 u t-18 ta' April, il-Kunsill Ewropew ħabbar ftehim Ewropew ġdid dwar il-kompetittività biex tinbena ekonomija robusta, innovattiva u reżiljenti u tingħata spinta lit-tranżizzjoni kompetittiva tal-Unjoni lejn in-newtralità klimatika. Fl-istess waqt, il-mexxejja tal-UE appellaw għall-kisba ta' Unjoni tal-Enerġija ġenwina, billi tiġi żgurata l-provvista ta' enerġija abbondanti, affordabbli u nadifa, li taqdi l-oġettiv doppju li jiġu garantiti s-sovranità enerġetika u n-newtralità klimatika tal-Ewropa.

Hija meħtieġa aktar elettrifikazzjoni biex is-setturi kollha jkunu jistgħu jilhqqu l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku u biex tiżdied il-kompetittività u tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta għal kulħadd. Għalhekk, l-iżvilupp ta' grilji tal-elettriku u Unjoni tal-Enerġija Ewropea ġenwina li tiffunzjona tajjeb ser jibqgħu jkunu fundamentali. Fir-rigward tal-funzjonament tas-suq intern tal-elettriku, sar progress sinifikanti fir-reviżjoni reċenti tal-qafas tas-suq tal-elettriku. Madankollu, il-bidla lejn sistema tal-enerġija kompletament dekarbonizzata ser iġġib magħha aktar sfidi.

F'dan il-kuntest, u fid-dawl tal-progress sostanzjali li sar bl-istrateġija tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Presidenza Belġjana tixtieq titlob il-fehmiet tad-delegazzjonijiet dwar iż-żewġ aspetti li ġejjin:

1. Kif nistgħu naċċelleraw l-implimentazzjoni tal-miri tal-effiċjenza enerġetika u tal-enerġija rinnovabbli għall-2030? Taħsbu li hemm bżonn aktar politiki, gwida, rakkomandazzjonijiet jew mekkaniżmi ta' finanzjament dedikati tal-UE biex jgħinukom fil-kisba ta' dawn il-miri?
2. Wara d-diskussjonijiet tagħna dwar l-infrastruttura tal-grilja tal-elettriku, x'passi addizzjonali (leġiżlattivi u/jew operazzjonali) huma meħtieġa biex tinkiseb Unjoni tal-Enerġija ġenwina?